# ILTQAJNA MA'...

## IL-POETA KARMENU VASSALLO

Huwa twieled fis-Siġġiewi fit-18 ta' Marzu 1913, ġie edukat fis-Soċjeta' ta' San Pawl u aktar tard f'San Alwiġi, u żżewweġ fit-3 ta' Ġunju 1939, lil Kolina u huwa għandu tlett subien u tifla. Lill-poeta sibnih fid-dar tiegħu f'New School Street is-Siġġiewi fejn illum iqatta' ħafna miż-żmien tiegħu, u staqsejnih dwar . . .

* *IL-'HOBBIES' LI GHANDU LLUM.* Huwa qalilna li 'hobbies' ħafna m'għandux u dan huwa dovut għar-raġuni li meta kien żgħir kien iqis lilu nnifsu bħala diġà xiħ. Iżda dan ma jfissirx li jqatta' l-ħin mingħajr ma jagħmel xejn; l-għażż jobogħdu! Bħal ma wieħed jistenna, il-kitba u l-qari huma l-faraġ tiegħu, tant li huwa jgħidilna li "Fejn nikteb norqod u fejn norqod nikteb". Għalkemm m'għandux entużjażmu kbir lejn ngħidu aħna l-isports jew il-ġnejna li għandu ġewwa daru (parti mir-raġuni għal dan huwa li s-saħħa ma tippermettilux) b' danakollu huwa għandu 'hobby' kemmxejn 'stramb'. Matul il-jum l-aħbarijiet jismagħhom mitt elf darba jkun fejn ikun, tant illi għandu żewġ settijiet ta' 'Cable Radio'. Imma hu ma jibqax passiv bħal ħafna minna meta jisma' l-aħbarijiet; anzi, iħobb jifforma dak li hu jsejjaħ "inkwiet mentali" biex ikollu fuq xiex jewden! Barra minn hekk, meta jkun jista', huwa jħobb ukoll isegwi t-televiżjoni u xi daqqiet jinteressa ruħu fl-ajruplani.

* *ŻGĦOŻITU.* Il-poeta jpinġi żgħożitu bħala daqsxejn waħda mkabbra. Huwa jfakkarna illi bejn l-età ta' sitta u sebgħa snin ġarrab it-telfa t'ommu. Wieħed irid iżid ma' dan illi missieru kien wieħed bħal ħaddieħor u għalhekk qatt ma seta' jisspikka. Wara li tilef lil ommu u lil missieru, il-poeta waqa' taħt idejn l-axxendenti minnaħa ta' missieru. Huwa jsostni li l-konsegwenza ta' dan kollox kienet is-sottomissjoni tiegħu. Żgħożija ħielsa kif nafuha llum ma kellux; minflok, daq dixxiplina iebsa. Wieħed jara li żgħożitu nibtet fi żmien t'għaks u nuqqas t'impjegi. Bata bħala żagħżugħ ukoll meta attenda l-iskola sekondarja fis-Soċjetà ta' San Pawl billi kien irid imur kullimkien bil-mixi. Igħidilna li beda jgħix ħajja mhux ħażin għall-ħabta tal-1965.

* *IS-SIĠĠIWIN TAL-LUM.* Bejn is-Siġġiwin kif jafhom hu u dawk tal-lum huwa jara kuntrast enormi. Huwa beda biex igħid li fil-qasam tal-indafa s-Siġġiwin tal-lum għamlu tibdil kbir. Fejn qabel mhux talli ma kellhomx ċerti affarijiet tad-dar li llum huma neċessarji, imma talli wkoll affarijiet tal-biedja (inklużi annimali) kienu jiffurmaw parti mill-post tal-abitazzjoni, illum il-ġurnata għandna s-sistema tad-drenaġġ u tista' tgħid li kull familja għandha 'fridge', 'washing-machnie', 'cookers', it-telefon. il-karrozza, b'kull tant iżjed minn waħda. Fuq kollox, huwa jsemmi l-edukazzjoni obbligatorja għal kulħadd. Dan il-progress ekonomiku, soċjali u kulturali huwa jipparagonah mal-qabża kbira mid-dinja għall-qamar, għalkemm il-qamar illum intlaħaq. Minkejja li hu jieħu gost bl-avvanzament tas-Siġġiwin, kemm materjali u kemm kulturali, hu fl-istess ħin jesprimi dispjaċir rigward is-Siġġiwin tal-lum. Ir-rispett naqas jew miet għal kollox. L-ubbidjenza tilfet ħafna mill-valur li darba kienet tgawdi. L-egoiżmu u l-indifferenza kibru u qed jikbru bla waqfien. Għalhekk huwa jgħid li filwaqt għamilna progress mill-banda l-waħda, mill-banda l-oħra tajniha għar-rigress.

* *L-ISPIRAZZJONI TAL-KITBA TIEGĦU.* L-akbar għajn tal-ispirazzjoni hija bla dubju ta' xejn ħajtu. Meta staqsejtu jekk in-natura hiex, kif fil-fatt hija t'ispirazzjoni għal bosta poeti Maltin u barranin, il-poeta Vassallo rrispondieni li n-Natura tgħinu jinfexx fil-kitba, imma l-poeżija tiegħu hija pjuttost autobijografika, fi kliem ieħor permezz tagħha huwa jirrakkontalna l-ġrajjiet mhux tas-soltu ta' ħajtu. Huwa kien iħoss ġibda lejn il-poeżija minn tfulitu u maż-żmien l-espressjoni poetika tiegħu bdiet issir minn ċirkostanzi kiefrin tul ħajtu. Per eżempju, il-poeżija kienet tgħinu jirrifletti fuq għaliex hu, minn ħafna oħrajn, kellu jbati l-kruha tal-faqar. Bil-poeżija kien jagħti widen għax-xewqa tiegħu li jkollu xi affarijiet li minn dejjem ried u li qatt ma seta' jkollu. Bħala ispirazzjoni sekondarja u, wara l-1939, pjuttost prinċipali, il-poeta Vassallo isemmi l-imħabba. Iżda bħal kull poeta ġenwin, Vassallo mhuwiex nieqes minn influwenza ġejja minn xi poeta barrani. Il-poeta Taljan Giacomo Leopardi huwa vvenerat mill-poeta Vassallo, imma dan tal-aħħar jiġbed enfasi fuq id-differenza

bejn il-motivi poetiċi li jisseparaw iż-żewġ kittieba. Filwaqt li ma' Leopardi weħlet l-umanità kollha għax-xorti ħażina tiegħu (iżda dan ma jfissirx li hu kien jobgħod il-umanità) il-poeta Vassallo, li wkoll ma tantx kellu xi jferrħu, kien iwaħħal fih innifsu, u propju minħabba f'hekk jidħol l-ispirtu tal-altrwiżmu.

* *IR-REAZZJONI TIEGHU GHAL "POETA TAN-NAR TAT-TIBEN".* Meta poġġejtlu din il-mistoqsija li jien qista kemxejn imbarrazzanti, il-poeta Vassallo ħa l-opportunità f'waqtha biex jinterpreta din id-deskrizzjoni hekk tajba tiegħu. Vera, jgħid hu, li jisħon mix-xejn u jitlef rasu tant li jitlef sensih ukoll, imma mbagħad ikollu moħħ ċar u konvinzjoni kbira. Huwa jxebbah lil dan il-karattru tiegħu ma' dak li jogħġob lil Kristu, vwoldiri aħjar ikollok wieħed li malli tistaqsih xi ħaġa jew xi favur jibda jgerger u jipprotesta imma fl-istess ħin taf żgur li jwettaq dak li tgħidlu, milli wieħed li dejjem jgħidlek iva għal dak li tistaqsih imma li qatt ma jagħmel xejn. Għalhekk, poeta "tan-nar tat-tiben" għax jitilgħulu malajr imma jibred malajr ukoll. Huwa spjegali wkoll illi din ir-reazzjoni stramba tiehu hija fattur importanti li tikkontribwixxi lill-karatteristiku tiegħu tal-altruwiżmu li ġej minn qiegħ qalbu. It-twemmin tiegħu ma jdawwalx biss lill-persuna tiegħu, imma miegħu hemm ħaddieħor, hemm dawk li huwa wkoll jixtieqilhom ġid, dawk li jqis bħal ħutu u li jgħixu id f'id.

* *MIN HU L-POETA LI JQIM L-AKTAR.* Hawnhekk il-poeta Vassallo ngħaqad ma' bosta Maltin, kittieba jew le, li bir-raġun kollu jqimu lil Dun Karm bħala bniedem li għadu u jibqa' fil-quċċata tal-letteratuar Maltija. Vassallo jiddispjaċih illi kien hemm xi mumenti f'ħajtu meta kien ikollu xi jgħid ma' Dun Karm, iżda llum il-ġurnata jara kemm kellu raġun Dun Karm dak iż-żmien meta ħafna kienu jaqbdu jħażżu bil-penna u jippretendu li isiru għorrief mal-ewwel. Huwa jgħid li Dun Karm huwa għall-poeżija Maltija dak li Sir Temi Zammit hu għall-proża Maltija. Kittieba oħra li għalkemm jiġu wara Dun Karm, huwa xorta waħda jikkunsidrahom bħala s-'surmastrijiet' tiegħu huma l-Professur Patri Cucchieri, Patri Delia, Rużar Briffa, Ġorġ Pisani u Biancardi.

* *IL-LETTERATURA MODERNA.* Uħud mill-poeti moderni jistgħu jogħġbuh jew inkella jtellfuh sensih! Jiddependi min hu l-poeta u t-tema poetika. Vassallo jsostni li poeżiji astratti żżejjed ma fihom ebda valur. Huwa jgħid li hemm tliet punti li wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jikkritika l-poeżija: (i) jekk hemmx imitazzjoni fix-xogħol letterarju jew le; sfortunatament hemm x'uħud illum li jħobbu jimitaw. (ii) hu jsemmi t-tkissir tal-lingwa li kultant għadu jsir fil-letteratura moderna; (iii) fil-poeżija Vassallo jirrakkomanda attenzjoni kbira fl-użu tal-mitoloġija. Huwa jxebbah il-letteratura tal-imgħoddi mqabbla ma' dik moderna, max-xena mużikali fejn sa ftit snin ilu wieħed ried ikun altru famuż biex jilqies mgħallem tal-mużika waqt li llum kull min jaqbad strument mużikali u jħawwad żewġ noti biex jifforma 'beat' jagħmel ħafna flus u jiġbor elf ta' 'fans'. Fl-aħħarnett il-poeta Vassallo jagħti s-sempliċità bħala l-għan prinċipali ta' kwalunkwe muża letterarja.

* *X'ASPIRAZZJONIJIET KELLU META HAREĠ GHALL-POLITIKA.* Huwa beda biex jirrikapitola l-isfond tiegħu qabel ma ħareġ għall-politika fil-1945. Huwa kien suldat bil-leva mill-erbgħa t'Awwissu 1941 sal-1944. Fuq kollox wieħed irid iżomm f'moħħu li Vassallo kien "iben il-faqar", u għalhekk meta twieled il-Moviment tal-Ħaddiema ngħibed lejn dan il-Moviment għas-sempliċi raġuni li b'hekk seta' jilħaq l-għan t'għajxien aħjar. Iżda fix-xena politika Vassallo narawh ixerred l-altruwiżmu tiegħu wkoll, tant illi jgħidilna li tħajjar joħroġ biex jinfeda hu u dawk kollha bħalu biex il-ħajja tieħu tifsira ġdida. Il-poeta kiseb suċċess u laħaq l-għanijiet tiegħu politiċi, tant illi sar wieħed mid-disa' membri tal-Partit ta' Boffa u għamel ħabta kunsillier tal-Gvern.

* *IL-FEHMIET TIEGHU DWAR IL-PUBBLIKAZZJONI TA' "IS-SIĠĠIEWI".* Huwa beda biex jifirħilna għas-suċċess li "Is-Siġġiewi" kiseb s'issa u xtaqilna aktar ħidma siewja għall-ġejjieni. Jemmen li l-kitba għandha tinteressa lil kulħadd, kemm mill-aspett letterarju pur kemm mill-aspett t'informazzjoni miktuba, dejjem jekk il-kitba tittieħed bis-serjetà. "Is-Siġġiewi", igħid il-poeta, qed isservi għan speċjali billi żżomm rapporti dwar ġrajjiet speċjali u ta' kull jum u dwar l-istorja tar-raħal tagħna li mbagħad jistgħu jiġu mifliha mill-ġenerazzjonijiet t'għada. Ifakkarna wkoll li l-kelma miktuba tibqa' waqt li dik li tingħad ittir mar-riħ.